C/2024/2219

22.3.2024

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-20 ta' Marzu 2024

dwar il-festi pubbliċi fl-2025 għall-uffiċjali u aġenti oħra tal-Unjoni Ewropea li jservu fi Brussell u l-Lussemburgu

(C/2024/2219)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u l-Kundizzjonijiet tal-Impjieg ta' Aġenti Oħra tal-Unjoni Ewropea (Conditions of Employment of Other Servants, CEOS), stabbiliti permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68 [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 61 tar-Regolament tal-Persunal u l-Artikoli 16 u 91 tas-CEOS,

Wara li kkunsidrat ir-regoli komuni li jistabbilixxu l-lista ta' festi pubbliċi tal-uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej [2] u b'mod partikolari l-Artikolu 1(3) tagħhom,

Wara li kkunsidrat l-opinjoni tal-Kumitat tal-Persunal,

Wara li kkunsidrat l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regolamenti tal-Persunal,

Wara li kkunsidrat l-opinjoni tal-Kapijiet ta' Amministrazzjoni,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 61 tar-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u l-Artikoli 16 u 91 tas-CEOS, jenħtieġ li tiġi adottata l-lista ta' festi pubbliċi fl-2025 għall-uffiċjali u aġenti oħra tal-Unjoni Ewropea li jservu fi Brussell u l-Lussemburgu.

(2) Fl-2025, Ħadd il-Għid ġej fl-20 ta' April.

(3) Fl-2025, l-24 ta' Diċembru se jkun l-Erbgħa.

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

Artikolu Uniku

Il-festi pubbliċi fl-2025 għall-persunal li jservi fi Brussell u l-Lussemburgu, huma kif ġej:

L-1 ta' Jannar	L-Ewwel tas-Sena
It-2 ta' Jannar	L-għada tal-Ewwel tas-Sena
Is-17 ta' April	Ħamis ix-Xirka
It-18 ta' April	Il-Ġimgħa l-Kbira
Il-21 ta' April	It-Tnejn ta' wara l-Għid
L-1 ta' Mejju	Jum il-Ħaddiem
Id-9 ta' Mejju	L-Anniversarju tad-Dikjarazzjoni ta' Robert Schuman fl-1950
Id-29 ta' Mejju	Jum Lapsi
It-30 ta' Mejju	L-għada ta' Lapsi
Id-9 ta' Ġunju	It-Tnejn ta' wara l-Għid il-Ħamsin

[1] ĠU L 56, 4.3.1968, p. 1.
[2] SEC(66) 3621.

It-23 ta' Ġunju*	Festa Nazzjonali tal-Lussemburgu * għall-persunal li jservi fil-Lussemburgu
Il-21 ta' Lulju**	Festa Nazzjonali tal-Belġju ** għall-persunal li jservi fi Brussell
Il-15 ta' Awwissu	Jum l-Assunzjoni
Mill-24 ta' Diċembru sal- 31 ta' Diċembru	6 ijiem ta' tmiem is-sena
TOTAL 2025	**18-il jum**

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Marzu 2024.

Għall-Kummissjoni
Il-Kummissarju
Johannes HAHN